# MALTA

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-10 ta' Novembru 2015

Talba Numru: 309/14

Numru fuq il-Lista: 27

**Mediterranean Insurance Brokers Ltd (C-3540)**

**vs.**

**Paul Bezzina K.I. 595577(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-5 ta’ Mejju 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ elfejn tmien mija u tlieta u għoxrin Ewro u tnax-il ċentemu (€2823.12) premess illi:

> Peress illi l-konvenut hu debitur tal-atturi fis-somma ta’ €2823.12 (elfejn, tmien mija, tlieta u għoxrin ewro u tnax-il ċenteżmu) - ammont dovut mill-konvenut in konnessjoni ma’ servizzi u prodotti ta’ assikurazzjoni u dan kif jirriżulta mill-fatturi u minn statement annessi.
>
> Peress illi interpellat permezz ta’ ittri uffiċjali ddatati 6 ta’ Diċembru 2012 u 10 ta’ Marzu 2014 sabiex iħallas dan l-ammont, il-konvenut baqa’ inadempjenti.
>
> Għaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett lil dan it-tribunal jogħġbu jordna u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont ta’ €2823.12 (elfejn, tmien mija, tlieta u għoxrin ewro u tnax-il ċenteżmu) bl-interessi mid-data tal-ittra uffiċjali tas-6 ta’ Diċembru 2012 sad-data tal-ħlas effettiv;
>
> U bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 6 ta’ Diċembru 2012 u tal-10 ta’ Marzu 2014 u tal-mandat ta’ sekwestru preżentat kontestwalment.
>
> Il-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta ta’ Paul Bezzina**, ippreżentata fid-9 ta’ Ġunju 2014, fejn huwa eċċepixxa:

1. Illi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika jew kuntrattwali bejn is-soċjetà attriċi u l-esponenti u li fi kwalsiasi każ jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li tipprova li hija kellha relazzjoni jew kuntratt tal-assigurazzjoni mal-esponenti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi wkoll jeżorbitaw mill-kompetenza li dan it-tribunal ratione materie u dan stante illi bil-poloz tal-assigurazzjoni di solitu jkun hemm kompriżi klawsoli arbitrali;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub irid jiġi ppruvat;

4. Illi fil-kumplament tat-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Ra l-verbal tat-28 ta' Novembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawża titratta renewals ta' poloz t'assikurazzjoni ossia *vessel forms* maħruġa fuq żewġ dgħajjes, waħda bl-isem "Gold Finder" u l-oħra "Lady Gaga". L-ammont pretiż jinkludi wkoll prezz ta' xi surveys u certifications li saru relatati mal-istess opri tal-baħar.

Il-konvenut fit-trattazzjoni tal-kawża allega li l-ħlas kien normalment isir minn AB Marine Services Limited u li għalhekk din is-soċjeta` kellha tkun il-leġittimu kontradittur u mhux hu. It-Tribunal huwa tal-fehma li tali allegazzjoni kellha titressaq b'mod formali fir-risposta tal-konvenut u jekk ikun il-każ jintalab il-kjamat fil-kawża tal-istess soċjeta`.

Inoltre imkien fid-dokumenti esebiti ma rriżulta l-isem ta' din is-soċjeta` u l-konvenut dejjem kien qiegħed jaġixxi f'ismu personali.

Hija fehma tat-Tribunal li l-ammont reklamat mis-soċjeta` attriċi ġie sodisfaċentement ippruvat.

Minkejja li l-konvenut qajjem dubju li huwa seta' wettaq xi ħlasijiet, ma ppreżenta ebda riċevuta f'dan is-sens jew prova oħra tal-ħlas. Min-naħa l-oħra, jirriżulta mill-prospett ippreżentat mis-soċjeta` attriċi, li hija mxiet b'lealta` u diliġenza u naqqset dawk l-ammonti li ma kinux għadhom lilha dovuti stante t-trasferiment tad-dgħajsa lil Angelo Agius u wkoll stante l-kanċellament prematur tal-poloz.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut u konsegwentement jordna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elfejn, tmien mija, tlieta u għoxrin

Ewro u tnax-il ċenteżmu (€2823.12), bl-imgħax legali dekorribbli mis-6 ta' Diċembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 3521/12, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata u tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi numerata 403/2014, li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Marzu 2014, ikunu a karigu tal-konvenut.

Av. Nadia H. Vella
Ġudikatur

Paul X. Sammut
Deputat Reġistratur